**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 259 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Nazzareno Dalli**

**Redent Cassar**

**Tristan Cassar**

**Redeemer Abdilla**

**Kurt David Azzopardi**

**-omissis-**

Illum 25 t'Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Nazzareno Dalli, detenur tal-karta tal-identita' bin-numru: 120881 M, u omissis, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-12 ta' Frar, 2020, fil-ħinijiet ta' bejn is-19:00hrs u t-20:00hrs ġewwa Bormla:

1. Volontarjament wetta reat meta inġabar f'ġemgħa bil-ħsieb li jagħmel reat fejn aktar minn tnejn minnhom kellhom fuqhom armi irregulari u ħebbew

għal Ryan Azzopardi ID 116599M, ħuh Burton Azzopardi ID 483001L u Marlon Baldacchino ID 382700L;

2. Ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' 2,500 Euro;

3. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' Ryan Azzopardi ID 116599M u ħuh Burton Azzopardi ID 483001L hekk kif iċċertifikati minn Dr. Anthony Mifsud MD 1732;

4. Għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. Kisser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali;

6. Ħebb kontra persuna/i sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew għamel ħsara lil dawn il-persuna/i jew lil ħaddieħor, kemm-il darba 'l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

Oltre dan  talli nhar it-12 ta' Frar 2020 għal ħabta ta' 19:20hrs ġewwa Bormla:

7. Saq vettura b' numru ta' reġistrazzjoni PJM 001 ta' l-għamla Toyota mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-awtorita dwar it-transport ta' Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura;

8. Saq vettura Toyota numru tar- reġistrazzjoni PJM 001 ta' l-għamla Toyota, mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

9. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu b'digriet datat 7 ta' Ottubru 2004 mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Tonio Micallef Trigona LL.D u li permezz tiegħu ingħatata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet marbuta b'somma ta' 1,000 liri Maltin (ċirca 2,333 ewro) bħala garanziji personali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija ksur ta' kundizzjonijiet għal-ħelsien mill-arrest, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-imsemmijja Nazzareno Dalli, Redent Cassar, Tristan Cassar, Kurt David Azzopardi u Redeemer Abdilla jibqaw jinżammu arrestati. Kif ukoll tordna li s-somom imsemmijja fl-akkużi numerati bħala (9), (10), (11), (12), (16), (17).

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawża kontra l-akkuzat u ommisses a benefiċju ta' Ryan Azzopardi ID 116599M, ħuh Burton Azzopardi ID 483001L u Marlon Baldacchino ID 382700L u familjari tagħhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' Ryan Azzopardi ID 116599M, ħuh Burton Azzopardi ID 483001L u Marlon Baldacchino ID u familjari tagħhom jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil akkużati imsemmijja fl-occhio Nazzereno Dalli et al, b'obbligazzjoni taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xeraq.

F'każ ta ħtija l-Qorti ġiet mitluba titratta lil Tristan Cassar, Redent Cassar, Nazzareno Dalli, Kurt David Azzopardi bħala persuni reċedivi meta ġew is-sentenzjati mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definitivi u ma jistax jiġu mibdulha u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet finalment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmijja imputati Nazzareno Dalli et al sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar il-25 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mill-ewwel sas-sitt imputazzjoni, u iddikjarat lill-imputat Nazzareno Dalli ħati tas-seba`, tat-tmien u tad-disa' imputazzjoni u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' tlett elef ewro (€3,000).

In oltre, ai termini tal-artikolu 3 (2 A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li l-ħati Nazzareno Dalli jiġi skwalifikat milli jikseb liċenzja għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum. Ai termini tas-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 il-Qorti imponiet disa' (9) punti ta' piena fuq kwalunkwe liċenzja li jista' jkollu l-ħati Nazzareno Dalli fil-futur.

Fl-aħħarnett il-Qorti ordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' elf ewro (€1,000) li kienu jagħmlu tajjeb bħala garanzija personali għall-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li ngħata Nazzareno Dalli permezz ta' digriet tas-7 ta' Ottubru 2004 pero' ma ordnatx r-ri arrest tiegħu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Nazzareno Dalli minnu pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant Nazzareno Dalli sabiex jogħgobha:

1. Tħassar dik il-parti is-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati għal raġunijiet indikati u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skont il-liġi;

2. Mingħajr pregudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminal jidhrilha li m'għandiex tilqa' l-ewwel talba ALTERNATTIVAMENT tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellanta u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ;

Rat illi l-appellant ħass ruħu aggravat bis-sentenza fuq ċitata u minnha qieghed jinterponi dan l-umli appell.

Illi fil-qosor il-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni kienu s-segwenti:

1. Illi fit-12 ta' Frar 2020 bejn is-19:00 u t-20:00 nqalgħet ġlieda bejn membri ta' żewg familji ġewwa Bormla;

2. Illi fil-ġlieda kien hemm ukoll kolliżjonijiet bejn vetturi li l-istess niess involuti fil-ġlieda kienu qed jużaw;

3. Illi l-istess ġlieda jidher li inqabdet mis-sistemi ta' CCTV ġewwa lokalita` ta' Bormla;

4. Illi l-istqarrijiet tal-imputati ttieħdu permezz ta' sistema *audio and visual*;

5. Illi l-kwerelanti għażlu li ma jixhdux kontra l-imputati stante li huma wkoll kienu akkuzati dwar l-istess inċident u għalhekk l-ewwel sitt imputazzjonijiet ma setgħux jirriżultaw;

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi fl-ewwel lok l-appellant jirrileva li huwa ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt li l-istess appellant kien qed jgħati l-istqarija tiegħu. Illi ħarsa lejn il-proċess ossia l-istqarrija li ta' l-appellant permezz tas-sistema ta' *audio and visual* DOK. EH18 jidher ben ċar li l-Ispettur Eman Hayman ma offriex jew aħjar ma informax lill-imputata *qua* appellant bi dritt tiegħu li jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu waqt interogatorju;

   Illi meta ġiet rilaxxata l-istqarrija tal-imputata *qua* appellant il-liġi Maltija kienet diġa tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali matul l-intergozzjoni li daħlet fi seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016. Madanakollu l-appellant ma ġiex mistoqsi jekk jridx li jkollu l-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-istqarrija u għalhekk isegwi li ma ingħatax id-dritt tal-preżenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu matul l-

interogazzjoni. Għalhekk l-istqarrija tal-appellant għandha tiġi skartata stante leżjoni ta' drittijiet tal-appellant;

Illi in oltre, jiġi rilevat li l-appellant ma ingħatax l-karta ta' rifjut tal-assistenza legali biex jiffirma u wisq inqas uffiċjali tal-pulizija u fil-proċess ma tinsab imkien;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċendenti u sussegwentemnet għall-istess l-appellant jirrileva li hemm dubju serju jekk l-istqarrija tal-appellant ittieħditx b'mod legali jew sarux b'theddid, biżgħa jew wegħdiet, stante li jekk wieħed jevalwa u janaliża l-assjem tal-provi jirriżulta li l-appellant kien imbeżża li jresqu lill-ibnu b'akkużi kriminali u b'hekk setgħa faċilement ġie nfluwenzat;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċendenti u sussegwentemnet għall-istess l-appellant jirrileva li l-proċess kriminali kontra tiegħu huwa sajjem mill-provi. B'hekk l-appellant umilment jirrileva li ma nġabux provi sufficenti sal-grad rikjest mill-liġi fil-kamp kriminali *ossia* sal-grad ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni sabiex l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti tal-Gudikatura Kriminali setgħet tkun moralment konvinta li l-appellant wettaq l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u dan għall-fatt li l-filmat miġbur mis-CCTV cameras innifishom juru bi ċar li x-xufier tal-vettura PJM 001 kien persuna oħra, liema persuna waqt il-proċeduri ġiet ikkonfermata min kienet u li l-istess persuna għandu l-liċenzja ta' sewqan relattiva. Illi sussegwentemnet għallura kien jispetta lil din l-istess persuna identifikata li telgħa prova li hija kienet

koperta b'polza ta' assikuarazzjoni u mhux l-appellant in kwistjoni;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċendenti l-appellant jirrileva li għalkemm mhux qed jikkontesta il-fatt li huwa kien impost fuqu kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest permezz ta' diġriet datat 7 ta' Ottubru 2004 preseduta mill-Onor Tonio Micallef Trigona LL.D, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova jekk tali kundizzjonijiet għadhomx *in vigore*, cioe jekk l-akkużi li għalihom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt kudizzjonijiet in kwistjoni ġietx effetivament diċiża, tikkostitwixix *res judicata* jew le u jekk l-appellant Nazzareno Dalli kienx intavola appell u jekk tali appell ġiex deċiż. Madanakollu l-atti proċesswali huma sajma minn dina l-prova;

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji precendenti l-appellant umilment jissottometti li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti tal-Gudikatura Kriminali kienet waħda eżaġerata u ma tirriflettix iċ-ċirkostanzi ta' dan l-każ;

**Ikkunsidrat,**

Illi jinghad li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-akkuzat appellant hati tas-sitt, sebgha u tmien akkuza u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-process kien sajjem mill-provi. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa l-provi kollha migbura u dan sabiex tara jekk is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienitx wahda *safe and satisfactory*. Jigi pero rilevat li din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni u ghalhekk

ghandha tezamina l-provi u tara jekk a bazi taghhom l-ewwel qorti setghetx tasal ghal gudizzju differenti.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel

dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[1]

Illi nhar it-28 ta' Frar, 2020 xehed **Keith Cutajar** u spjega li nhar l-14 ta' Frar, 2020 il-Qorti talbitu johrog numru ta' filmati minn erba' bnadi separati u cioe minn akwati tal-Mina ta' Santa Liena ta' Bormla, il-bandli tal-Kalkara fejn l-ghassa tal-pulizija, Triq Alessandria fl-inhawi ta' Verdala ta' Bormla u mis-sistema tal-ghassa tal-pulizija ta' Bormla. Huwa esegwixxxa l-inkarigu moghti lilu u kkonferma li kien hemm seba' entitajiet bejn residenzi u socjetajiet li bazikament ikkoloboraw biss li kien hemm uhud minnhom ovvjament li tipikament jew xi sistema jew ohra ma tkunx tahdem. Ikkaverja l-area kollha minbarra l-area tal-bandli tal-Kalkara. Dak ma kienx fic-CCTV li jikkaverja dik l-area partikolari. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu flimkien mal-filmati. Huwa ma giex mitlub johrog stills taghhom. Ir-rapport tieghu gie markat bhala dok KC1. Qal li l-filmat ta' Triq Alessandria huwa l-ahjar pero billi qieghed fl-gholi hemm certu istanza jigifieri jaf ikun hemm problemi beix jintgharfu l-ucuh li qeghdin hafna 'l boghod. Hemm limitazzjoni ta' kemm jista jsir *image optimization*.

Rat l-affidvit ta' **WPC 20 T Mangion** esebit fl-atti a fol. 75. Din spjegat illi nhar it-12 ta' Frar, 2020 ghall-habta ta' 19.07 certu Ryan Azzopardi mar jirraporta gewwa

[1] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla li hu u huh certu Zwen Azzopardi kienu gew msawta minn certu Ferdison Azzopardi mgharuf bhala 'Tal Muga'.

Ryan stqarr li dak in-nhar stess ghall-habta tas-18.00 kien tiela' minn hdejn il-mina ta' Santa Liena, Bormla fejn gie avvicinat minn Ferdison u dan qal li Ryan "*Inti xhud kontra missieri u tfajtu l-habs*". Ryan stqarr li huwa wiegbu li l-Qorti tefghatu l-habs u Ferdison tah daqqa ta' ponn. Minn hemm Ryan stqarr li huh Zwen Azzopardi nizel mill-vettura ghal Ferdison filwaqt li Ryan nizel ukoll mill-vettura biex iferraqhom, pero Ferdison kompla jghati lil Ryan. Il-pulizija avzat lil Ryan kif ukoll lil Zven sabiex imorru c-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid halli jipproducu certifikat mediku.

Ghal habta ta' 19.20 Ryan Azzopardi, Zwen Azzopardi kif ukoll Burton Azzopardi nizlu hdejn l-ghassa ta' Bormla b'vettura tal-ghamla Vitz bajda bin-numru ta' registrazzjoni JBX 434 fejn hargu mill-karozza u kienu jidhru agitati hafna sabiex il-pulizija titla gewwa Triq Alessandria minhabba l-fatt li kien hemm hafna mill-membri tal-familja 'Tal Muga' Li kienu ksiru l-karozza ta' Ryan kif ukol bdew jghajtu li laqtu vettura ohra li kienet ipparkjata. Ryan Azzopardi beda ukoll jaghti bis-sieq mal-karozza tieghu minhabba l-istat agitata li kien jinsab fih.

Il-pulizija distretttwali assistiti mill-membri tar-Rapid Intervention Unit marru gewwa Triq Alessandria fejn il-membri tal-familja tal-Muga kienu telqu minn fuq il-post. B'hekk minhabba li l-ahwa Azzopardi kienu ghadhom daqxejn agitati gew ikkalmati fejn Zven Azzopadi, Ryan Azzoaprdi u Burtin Azzopardi kif ukoll habib taghhom certu Marlon Baldacchino gew migjuba lejn l-ghasa tal-pulizija ta' Bormla sabiex jghatu l-verzjonijiet taghhom ta' dak li kien gara ftit tal-hin qabel.

Hekk kif il-pulizija flimkien ma Ryan, Zven, Burton u Marlon waslu hdejn l-ghassa ta' Bormla quddiem l-ghassa kien hemm diversi membri tal-familja tal-Muga fejn kien hemm certu Nazzareno Dalli, Ferdison Azzopadi, Janice Brincat u certu Anna Casar fejn dawn kollha gew imwissija sabiex jigu evitati aktar argumenti sabiex dak il-hin jitilghu l-ghassa ta' Haz-Zabbar sakemm jigu mitkelma l-ahwa Azzopardi fejn kollha ikkooperaw mal-pulizija izda Anna Cassar ghaddiet xi insulti lejn l-ahwa Azzopardi izda ftit tal-hin wara telqet ukoll. Il-pulizija bdiet tiehu l-verzjonijiet fejn hija hadet il-verzjoni ta' Zwen Azzopadi. Dan stqarr li u hu Marlon kienu fejn il-mina ta' Santa Liena ghaddejjin bil-Vitz bajda misjuqa minn huh Ryan Azzopardi u Ferdison kien fejn id-dar ta' nantu u beda jghajjat lil Ryan. Ryan waqaf bil-kelma it-tajba u baqghu fil-karozza. Ipparkjaw u Ferdison mar hemm u qallu ghalfejn kxift lil missieri li kien Bormla. Ryan qallu li hu kien xhud u hekk ried jghid bilfors u Ferdison qabad itih bil-ponn. Imbaghad nizel ghax huh kien ser isuq u qallu " *Ghalfejn ha tatu*" u Ferdison qallu " *ejja ha nghidlek*" u qabdu jghatu. Hareg Ryan u Ferdison qabad joffendihom " F...il-mejtin taghna" u mar jaqbad jaghti lil Ryan u Ryan imbuttah.

Minn hemm waqfet u saqu d-dar biex igibu l-ID card halli jkunu jitghu jaghmlu certifikat. Minhabba li Ryan qal li setghu kienu fit-triq taghhom il-pulizija telghu jiccekkjaw izda dak il-hin ma kienux hemm. Huma kienu sejrin jghamlu ic-certifikat Rahal Gdid pero ghaddew ghal-Burton Haz-Zabbar u regghu marru Bormla biex igibu l-ID ghax qabel ma setghux isibuhom u rawhom kollha taht id-dar. Xi hddd dahal fuq il-Vitz minn wara bit-Tercel nizel mill-karozza qabad il-mera u garaha lejn il-karozza taghhom fejn f'daqqa wahda hargu kollha u bdew igorru hadid u kanen lejn il-karozza. Mistoqsi mix-xhud minn kienu dawn l-membri tal-familja tal-Muga, Zven semma lil Kurt David Azzopardi, Redent Cassar, Redeemer Abdilla, Ferdison Azzopardi u Nazzareno Dalli.

Gie mitkellem ukoll Burton Azzopardi minn PS 583 fejn min naha tieghu stqarr li kienu qeghdin hdejn ir-residenza taghhom fejn mar Redeemer b'vettura b'lewn ahmar bin-numru ta' registrazzjoni ittri biss GBC fejn sa ghal quddiemu u baqa' diehel go gih minn quddiem. Minn warajh mar Tristan b'Vitz ta' lewn abjad kif ukoll Redent go Vitz ta' lewn ahmar. Ta' min isemmi li Redeemer rega saq u tah daqqa ohra fil-vettura tieghu fejn gibidlu l-genb kollu tan-naha tal-lemin. Huwa dak il-hin irriversja u saq lejn l-ghassa. Burton kompla jistqarr li rikeb ma Redeemer kien hemm Nazzareno li f'idu kellu frostin ahdar u Redeemer kellu f'idu pala. Min naha tieghu Redent allegatament kellu frostin blu.

Il-verzjoni ta' Ryan Azzopardi giet mehuda mill-Ispttur Eman Hayman fejn ta din il-verzjoni " *Jien Zven u Marlon konna fejn il-Mina ta' Bormla (St Helen Gate) u waqaft sabiex nixtri wrap u gie Ferdison fuqu* fejn qallu "*ghalfejn tfajt lil missieri l-habs* fil-Qorti u kien hawn li inqalghet glieda bejn Zwen u Ferdison. Huwa mar l-ghassa sabiex jinforma rigward dan l-incident u telaq mill-ghassa sabiex imur igib certifikat u telaq lejn id-dar sabiex igib l-ID card. Hekk kif kien sejjer lejn il-clinic waslet Tercel maroon illi dahlet go fih u rrejalizza li kien qed isuqha Redeemer li jigi t-tifel ta' Ronald (Nazzareno Dalli) maghhom kien hemm Vitz bajda u ohra hamra u li minnhom kienu hargu hafna nies ghalihom fejn ra lil Redeemer jigri lejn il-karozza u ra frostin f'idejh, in-nies l-ohra kellhom il-hadid. Ma dawn in-nies aggredihom Kurt David Azzopardi li jigi t-tifel ta' Frederick Dalli kif ukoll Tristan Cassar i jigi hu Nazzareno Dalli. Izzid tghid li Burton kien qed isuq u huma saqu biex marrru l-ghassa.

Giet mehuda ukoll il-verzjoni ta' Marlon Baldacchino minn PC 226 fejn dan stqarr li dan l-argument beda wara li hu flimkien ma Ryan u Zven Azzopardi kienu weqfin bil-vettura JBX 434 tal-ghamla Toyota fejn il-mina ta' Bormla maghrufa bhala Santa Liena fejn f'hin minnhom mar Ferdison tal-Muga u ta daqqa ta' ponn go wicc Ryan li f'dak il-hin Ryan kien bil-qieghda fuq is-sedil tax-xufier cioe fuq

quddiem tal-lemin tal-vettura fejn hekk kif ra hekk hareg huh Zven u qabdu jghatu bejniethom. Fejn wara dan baqghu sejrin l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla sabiex ihejju rapport f'dan ir-rigward.

Wara dan huma kienu ghaddew minn Triq Alessandria fejn ezattament il-mina ta' Hubbar Flats lemhet tlett karozzi sejrin fid-direzzjoni opposta cioe min naha ta' Verdala fejn wahda minnhom tal-ghamla Toyota Tercel ta' lewn maroon bin-numru ta' registrazzjoni mhux mgharufa li kienet qed tigi misjuqa minn Redeemer baqghet diehla go fihom bil-konsegwenza li garbu xi hsarat fil-genb tal-vettura fuq in-naha tal-lemin. Kompla jistqarr li f'dak il-hin stess minn l-imsemmija vettura nizlu Redeemer u kif ukoll missieru Ronald (Nazzareno Dalli) sabiex jaqbdu jtuhom. Marlon kompla jghid li kienu waqfu ukoll zewg vetturi ohra wahda tal-mudell Toyota Vitz hamra bin-numru ta' registrazzjoni mhux mgharufa u kif ukoll vettura ta' lewn skura fejn minnhom kienu hargu hafna nies. Marlon stqarr ukoll li minn vettura  minnhom kien hareg ukoll Kurt David Azzopardi sabiex jagredihom fejn hekk kif raw dan kollu huma saqu direzzjoni lejn l-ghassa Bormla.

Nhar it-13 ta' Frar, 2020 il-pulizija flimkien ma PC 386 komplew bl-investigazzjoni rigward dan il-kaz fejn marru gewwa Monday Turkish Kebab House li jinsab gewwa Wesghat in-Nativita' Bormla u tkellmu ma sid il-hanut certu Jimmy rigward CCTV cameras fejn ta l-kunsens tieghu sabiex jittiehed il-filmat rigward l-ewwel glieda li sehhet vicin l-hanut. Minn hemm marru ukoll gewwa Triq Alessandra Bormla sabiex jaraw jekk hemmx xi CCTV cameras ohra fejn gie nnutat camera ta' l-iskola Erin Serracino Inglott u camera ohra mal-gate ta' l-istess skola. Huma tkelmu mal-Head Mistress certu Charmaine Eshout fejn qalet li l-camera ta' l-iskola kienet tinsab mitfija u l-camera l-ohra li hemm mal-gate kienet tappartjeni lil Kunsill Lokali. Giet osservata ukoll camera ohra ta' certu Maria Lourdes Portelli fl-indirizz Blk 6 Flat 1, Triq Alessandra, Bormla fejn

habtu ma dan il-bieb pero ma kien fetah hadd. Osservaw ukoll camera ohra gewwa l-indirizz Blk XII Flat 4, Triq Alessandra Bormla pero hawnhekk ma fetah hadd ukoll.

Minn hemm il-pulizija marru fir-residenza ta' certa Sonia Azzopardi sabiex jigu mitkellma uliedha rigward xi allegat telefonati li saru minghand il-familja tal-Muga pero uliedha ma kienux id-dar izda kienu qed jaghmlu certifikat mediku gewwa Santa Venera. Sonia giet avzata sabiex hekk kif uliedha jmorru d-dar jinzlu l-ghassa ta' Bormla minnufih bic-certifikati, kif ukoll jipproducu stima tal-hsarat li garbet il-Vitz.

Rat l-affidavit ta' **PC 386** esebit fl-atti a fol. 86 tal-process fejn stqarr li nhar it-12 ta' Frar 2020 waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa tal-pulizja ta' Bormla ghall-habta ta' 19.00 Ryan Azzopardi mar gewwa l-ghassa ta' Bormla sabiex jaghmel rapport fejn beda jghid li aktar kmieni kien hdejn il-mina ta' Santa Liena Bormla rikeb in-naha tax-xufier ta' karozza tal-ghamla Vitz ta' kulur abjad li ghandha n-numru ta' registrazzjoni JBX 434 li kienet ipparkjata u giet affrontata minn Ferdison fejn dan qalu *"Inti xhud kontra missiseri u tfajtu l-habs."* Ryan qallu li kienet il-qorti li tefghatu l-habs u mhux hu fejn Ferdison tah daqqa ta' ponn. Ryan qallu li huh Zven nizel mill-karozza u mar ghal Ferdison u Zven nizel mill-vettura biex iferraqhom u Ferdison qabad jghati lilu ukoll. Ryan intalab biex jghamel certifikat mediku u jghaddih lill-pulizija. Filwaqt li kien qed jiehu l-verzjoni gewwa l-ghassa marru l-ghassa ukoll l-ahwa Zven, Ryan u Burton Azzopardi.

Ftit tal-hin wara li Ryan kien telaq mill-ghassa sema hafna ghajjat u storbju barra l-ghassa fejn kien hemm diversi nies. Huwa ghamel kuntatt mal-control room tal-pulizija fejn talab ghall-assistenza. Fost il-persuni li kienu fit-triq ta' l-ghassa ta' Bormla setgha jiddentifika lil Ryan Azzopardi, Zven Azzopardi u Burton

Azzopardi, Nazzareno Dalli u Redeemer  Ferdison Azzopadi u diversi nies ohra li ma gharaf l-identita taghhom. Filwaqt li l-kollegi tieghu hadu hsieb is-sitwazzjoni huwa kompla b'xoghol generali gewwa l-ghassa.

**PS 136 G Spagnol** irrilaxja ukoll affidavit li jinsab esebit fl-atti a fol. 87 u dan stqarr li nhar it-12 ta' Frar 2020 ghall-habta tas-19.20 p.m marru l-ghassa ta' Bormla certu Ryan Azzopardi, Burton Azzopardi, Zven Azzopardi u dawn dehru agitati u bdew jitolbu ghall-assistenza tal-pulizija minhabba l-fatt li bdew jghidu li xi membri tal-familja maghrufa bhala tal-Muga kienu marru ghalihom fejn residenza taghhom li tinsab fi Triq Alessandra sabiex isawtuhom.

Waqt din il-kommossjoni huwa ra lil Ryan Azzopardi li beda jghati bis-sieq mal-vettura tieghu fuq in-naha tal-lemin tal-bieba ta' wara. Huwa flimkien mal-kollegi tieghu irrikorrew minnufih fi Triq Alessandra, Bormla fejn irrizulta li ma kien hemm hadd mill-membri tal-familja tal-Muga.

Kif wasal lura l-ghassa ta' Bormla innota xi membri mill-familja maghrufa bhala tal-Muga fejn seta jiddentifika lil certu Nazzareno Dalli, Janice Brincat, Ferdison Azzopardi u certa Anna Cassar fejn dawn malli raw lil ahwa Azzopardi kif ukoll habib taghhom certu Marlon Baldacchino bdew jitghajru fejn flimkien mal-kollegi tieghu kkalmaw is-sitwazzjoni u aktar tard bdew jiehdu l-verzjonijiet taghhom tal-akkadut.

Illi nhar is-6 ta' Marzu 2929 xehed l-ufficcjal prosekutur l-**ispettur Eman Hayman** u spjega illi nhar it-12 ta' Frar 2020 jaf li inqalghu xi argumenti izda huwa ma kienx prezenti. Gew mghoddija lilu mill-espert Keith Cutajar  numru ta' filmati u huwa rahom. Jaf li l-argumenti sehhew f'diversi postijiet Bormla fosthom hdejn il-bandli gewwa Bormla fejn l-ewwel incident kien jinvolvi Ferdison li kellu argument ma Ryan u Sven Azzopardi. Kien hemm incident faccata hanut tal-

Kebab gewwa l-akwati mgharufa fejn il-mina ta' Santa Liena fejn jidher Ferdison jimxi 'l quddiem u tigi karozza bajda Toyota li minnha johorgu min naha tax-xuffier Ryan Azzopardi u min naha tal-passiggier johrog Sven. Jaf li Ryan kien qed izomm lil Ferdison fil-glieda u Marlon kien qed izomm lil Zven u dan biex ma jkomplux jiggieldu. Qed jipprova jifred il-glieda.

Illi mill-affidavit ta' **Stephen Cachia** esebit fl-atti a fol. 171 jirrizulta li Nazzareno Dalli ma kellux licenzja tas-sewqan fil-jum tat-12 ta' Frar, 2020.

Illi l-akkuzat Nazzareno Dalli ma xehedx pero nhar it-13 ta' Frar 2020 irrilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti fuq DVD. F'din l-istqarrija li ttiehdet fit-14.52p.m jirrizulta li l-ispettur Hayman fil-presenza ta' PC 654 Jonathan Hili staqsa lill-akkuzat appellant jekk tkellem ma avukat qabel ma mar hdejh u l-akkuzat wiegeb fl-affermattiv. Imbghad staqsih jekk hax parir legali u l-akkuzat appellant wiegeb li kellem avukat qabel. Jinghad ukoll li l-ispettur Eman Hayman ukoll qallu li setgha ma jwiegeb ghall-ebda mistoqsija izda dak li kien ser jghid kien ser jitnizzel bil-miktub u jingieb bhala prova.

Illi ghalhekk huwa car li din l-istqarrija giet rilaxxjata wara li d-Direttiva tal-Ewropa u cioe 2013/48 EU TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà giet trasposta fil-ligijiet nostrana permezz ta' Att LI tas-sena 2016.

Illi l-artikolu 2 tad-Direttiva jipprovdi s-segwenti:-

"Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

Imbaghad isegwi b'disposizzjoni ohra ta' interess u importanza assoluta u cioe li:

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;*

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin, fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

Dawn id-disposizzjonijeit tad-Direttiva 2013/48 gew trasposti fl-intier taghhom fil-kodici penali 355AUA bl-Att LI tas-sena 2016. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*355AUA. (1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukatmill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*
*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jewminn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtoritàġudizzjarja fir-*

*rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jewawtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' naturainvestigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħraskont is-subartikolu (8)(e);(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasirżmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*

*3) Talba għall-assistenza legali għandha tiġi rrekordjata fir-rekord ta' kustodja flimkien mal-ħin meta din it-talba tkun saretsakemm it-talba ma tkunx saret f'ħin meta l-persuna li tkungħamlitha tkun il-qorti wara li tkun akkużata b'reat f'liema każ it-talba m'għandhiex għalfejn tiġi rrekordjata.*

*(4) Malli tkun saret talba għall-assistenza legali, il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata lista ta' avukati mfassla mill-Kamra tal-Avukati u mill-Kamra tal-Prokuraturi Legali usottomessa darba kull sena lill-Pulizija Eżekuttiva u lil kullawtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, liminnha l-persuna akkużata jew suspettata tista' tagħżel avukat tal-għażla tagħha. Alternattivament, il-persuna suspettata jew akkużatatista' tagħżel sabiex tkun assistita minn Avukat tal-Għajnuna Legalif'liema każ l-Avukat tal-Għajnuna Legali għandu jassenja avukatgħal dan il-għan.*

*5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu355AUI(3), kwalunkwe uffiċjal tal-pulizija li jindika jew jagħmeltentattiv sabiex jindika lil persuna miżmuma l-avukat jewprokuratur legali li għandu jkun ingaġġat waqt id-detenzjoni tagħha, ikun ħati ta' reat u jeħel ammenda u dan mingħajr*

*preġudizzju għal kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontrih bħala konsegwenza li jinstab ħati ta' dak ir-reat jew minflok il-prosekuzzjoni għal dak ir-reat f'konformità mar-regolamenti dixxiplinarji li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.*

*(6) Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenzalegali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jewkull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarjagħandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġxhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih.M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqtil-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjonikriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata magħażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qed tinżamm taħt arrest.*

Illi fil-kawza odjerna ma jidhirx li dan sehh. Fl-ewwel lok huwa car li l-akkuzat fl-ebda hin ma gie offrut l-assistenza legali sabiex tassistih waqt l-interrogatorju u lanqas ma jirrizulta mill-atti li f'xi hin l-akkuzat irrinunzja ghal tali dritt ta' assistenza legali u dan ghaliex fl-atti ma hemm l-ebda *waiver* esebit kif rikjest mill-ligi.

Konsegwentement jirrizulta bic-car li din l-istqarrija ttiehdet b'mod illegali u kontra l-ligi u konsegwentement din il-Qorti ser tiskarta l-kontenut taghha. Illi konsegwentement ghalhekk b'rizultat ta' dan huwa minnu kif stqarret id-difiza fit-tielet aggravju taghha li l-process huwa sajjem mill-provi.

Illi din il-Qorti ma tistax issib htija fir-rigward tal-akkuzi kif misjuba mill-ewwel Qorti u dan ghaliex ma hemmx prova li l-appellant kien qed isuq il-vettura PJM 001.

Ghalhekk, la din il-Qorti ma hiex ser issibu hati tas-sena' u tmien akkuza, ma tistax issibu hati tad-disa' akkuza.

Ghaalhekk din il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mil-ewwel Qorti fejn ma sabitux hati ta' numru ta' akkuzi, qeghda tirrevokaha fir-rigward ta' dawk l-akkuzi fejn sabitu hati taghhom u tilliberah minnhom u minn kull piena moghtija.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur